# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju 2016**

**Numru 12**

**Citazzjoni Numru 19/09 PC**

**Frances Mizzi u Spiridiona Camilleri**

**v.**

**Rose Ann Galea, Reverendu Tarcisio Camilleri f'ismu u bhala mandatarju tal-imsefrin Joan Muscat, Frances Farrugia, Martin Farrugia; Georgia Attard, Carmel sive Charles Camilleri; John Galea; Josephine Bondin; Josephine Gray; Reverendu Emanuel Camilleri; Simon Camilleri; Georgine Debono; Georgia Muscat; Maria Rosa Attard; Frances Camilleri; u John Camilleri**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell maghmul mill-atturi appellanti Frances Mizzi u Spiridiona Camilleri minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, fl-1 ta' Novembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet il-kawza billi

filwaqt illi laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati, cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi appellanti.

**Ir-rikors guramentat tal-atturi**

**2.** Fir-rikors guramentat taghhom tal-5 ta' Marzu 2009, l-atturi ippremettew:

> "1. Illi Margerita Farrugia bint Xebba ta' John u Giuseppa nee' Galea mietet xebba u improle fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar elfejn u sitta (2006) u skond it testament taghha fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru elf disa mija hamsa u disghin (1995) hija innominat bhala eredi taghha kwantu ghal kwart indiviz lil ulied il-mejta ohtha Maria Theresa Camilleri; kwantu ghal kwart indiviz lil Giorgia Muscat, Josephine Bondin, Reverendu Dun Giusepp, Rosanna, u John ahwa Galea; kwantu ghal kwart indiviz lil Joseph Farrugia, u kwantu ghar-rimanenti kwart lill-atturi;
>
> "2. Illi Fr. Jose' Galea miet intestate, u wirtuh ex lege hutu l-ohra;
>
> "3. Illi l-esponenti ghamlu zmien konsiderevoli qabel il-mewt tad-decujus jipprestawlha servigi kuri u assistenzi fil-bzonnijiet taghha kollha, kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt is-smiegh tal-kawza, u dan kollu dejjem minghajr hlas izda bil-weghda tal-kumpens finali;
>
> "4. Illi barra minn hekk mal-mewt ta' Margerita Farrugia kienet l-attrici Frances Mizzi illi minn flusha, u minn butha, hallset l-ispejjez tal-funeral taghha;
>
> "5. Illi l-esponenti iridu jithallsu ta' dawn is-servigi u Frances Mizzi tigi rimborzata ghal dawn l-ispejjez tal-funeral tad-decujus minghand il-konvenuti fil-kwoti li kull wiehed u wahda minnhom rispettivament ibbenefika fil-wirt taghha;
>
> "6. Illi l-atturi ghazlu illi jressqu it-talbiet taghhom f'kawza wahda ai termini tal-artikolu 155A tal-Kap. 12 stante illi l-meritu tal-kawzi huwa konness, l-provi involuti huma b'mod generali l-istess kif ukoll ghaliex id-decizjoni f'kawza wahda tista tinfluwixxi fid-decizjoni tal-kawza l-ohra;
>
> "7. Illi l-konvenuti odjerni gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' dawn is-servigi u rimborz tal-ispejjez funerarji

permezz ta' ittri ufficjali tat-30 ta' April 2008 izda l-esponenti baqghu bla ebda risposta;

**3.** Ghaldaqstant, l-atturi talbu lill-ewwel Qorti:

"1. Tillikwida il-kumpens dovut lilhom ghas-servigi kuri u assistenzi rezi minnhom lill-mejta Margerita Farrugia u dan skond il-kwoti rispettivament spettanti lil kull wiehed u wahda minnkom minn dan il-wirt;

"2. Tikkundannakom sabiex thallsu lill-atturi dan il-kumpens.

"3. Tikkundannakom tirrifondu lill-attrici Frances Mizzi, fil-kwota rispettiva spettanti lilkom mill-wirt, l-ispejjez tal-funeral ta' Margerita Mizzi.

" Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' April 2008 indikati kontra taghkom u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

**Ir-risposta guramentata tal-konvenuti Rev. Tarcisio Camilleri f'ismu u ghan-nom ta' Carmel sive Charles Camilleri, Frances Camilleri, Simon Camilleri, John Camilleri, Josephine Gray u Georgina Debono kif rapprezentati mill-istess Josephine Gray**

**4.** Permezz tar-risposta guramentata taghhom tat-2 ta' April 2009, il-konvenuti Rev. Tarcisio Camilleri f'ismu u ghan-nom ta' Carmel sive Charles Camilleri, Frances Camilleri, Simon Camilleri, John Camilleri, Josephine Gray u Georgina Debono kif rapprezentati mill-istess Josephine Gray eccepew:

"1. Illi preliminarjament l-esponenti ma ghandhomx il-locus standi f'din il-kawza stante illi huma lkoll rrinunzjaw ghall-eredita tal-imsemmija Margerita Farrugia, kif jirrizulta mill-annessi noti ta' rinunzja mmarkati bhala Dok TC1, TC2, TC3, TC4, TC5, TC6 u TC7. Ghaldaqstant, huma ma humiex il-legittimi kuntradditturi u ghalhekk ghandhom jigu minnufih liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.

"2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa eccepit li l-azzjoni odjerna ma tispecifikax il-perijodu taz-zmien li fih l-atturi rrendew l-allegati servigi. Madanakollu kwalsiasi talba ghall-kumpens tal-istess servigi hija ristretta bil-perjodu ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

"3. Illi sussidjarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost huwa sottomess li t-talbet attrici huma fi kwalsiasi kaz infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi gja gew kumpensati ghal kwalsiasi forma ta' servigi allegatament rezi.

"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi bhala uhud mill-eredi tal-istess Margerita Farrugia ghandhom ibaghtu kwart indiviz minn kwalsiasi ammont likwidat skond it-talbiet attrici.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**5.** Rat il-kopja tan-nota ta' Dun Tarcisio Camilleriipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni volontarja taghha fil-5 ta' Mejju 2009, li permezz taghha irrinunzja ghall-eredita` ta' Margerita Farrugia.

**6.** Rat il-kopja tan-nota ta' Francesca Camilleri ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni volontarja taghha fit-2 ta' Marzu 2009, li permezz taghha irrinunzjat ghall-eredita` ta' Margerita Farrugia.

**7.** Rat il-kopja tan-nota ta' Simon Camilleri ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni volontarja taghha fit-2 ta' Marzu 2009, li permezz taghha irrinunzja ghall-eredita` ta' Margerita Farrugia.

**8.** Rat il-kopja tan-nota ta' John Camilleri ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni volontarja taghha fis-27 ta' Frar 2009, li permezz taghha irrinunzja ghall-eredita` ta' Margerita Farrugia.

**9.** Rat il-kopja tan-nota ta' Josephine Saliba Gray ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni volontarja taghha fit-2 ta' Marzu 2009, li permezz taghha irrinunzjat ghall-eredita` ta' Margerita Farrugia.

**10.** Rat il-kopja tan-nota ta' Georgina mart Joseph Debono ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni volontarja taghha fil-11 ta' Marzu 2009, li permezz taghha irrinunzjat ghall-eredita` ta' Margerita Farrugia.

**11.** Rat il-kopja tan-nota tar-Reverendu Tarcisio Camilleri f'isem huh imsiefer Carmelo Camilleri ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni volontarja taghha fil-5 ta' Marzu 2009, li permezz taghha irrinunzja ghall-eredita` ta' Margerita Farrugia.

**Ir-risposta guramentata tar-Reverendu Tarcisio Camilleri bhala mandatarju tal-imsefrin Joan Muscat, Frances Farrugia, Martin Farrugia u Georgia Attard**

**12.** Permezz tar-risposta guramentata tieghu tat-2 ta' April 2009, ir-Reverendu Tarcisio Camilleri bhala mandatarju tal-imsefrin Joan Muscat, Frances Farrugia, Martin Farrugia u Georgia Attard eccepixxa:

"1. Illi preliminarjament huwa eccepit li l-azzjoni odjerna ma tispecifikax il-perijodu taz-zmien li fih l-atturi rrendew l-allegati servigi. Madanakollu kwalsiasi talba ghall-kumpens tal-istess servigi hija ristretta bil-perjodu ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

"2. Illi sussidjarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost huwa sottomess li t-talbiet attrici huma fi kwalsiasi kaz infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi gja gew kumpensati ghal kwalsiasi forma ta' servigi allegatament rezi.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi bhala uhud mill-eredi tal-istess Margerita Farrugia ghandhom ibaghtu kwart indiviz minn kwalsiasi ammont likwidat skond it-talbiet attrici.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

**<u>Ir-risposta guramentata tal-konvenuta Maria Rosa Attard</u>**

**13.** Permezz tar-risposta guramentata taghha tas-6 ta' April 2009, il-konvenuta Maria Rosa Attard eccepiet:

"1. Illi preliminarjament l-esponenti ma ghandhiex il-locus standi f'din il-kawza stante illi hija rrinunzjat ghall-eredita tal-imsemmija Margerita Farrugia, kif jirrizulta mill-annessa nota ta' rinunzja mmarkata bhala Dok MS 1. Ghaldaqstant, hija ma hijiex il-legittima kuntradittrici u ghalhekk ghandha tigi minnufih liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.

"2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa eccepit li l-azzjoni odjerna ma tispecifikax il-perijodu taz-zmien li fih l-atturi rrendew l-allegati servigi. Madanakollu kwalsiasi talba ghall-kumpens tal-istess servigi hija ristretta bil-perjodu ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

"3. Illi sussidjarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost huwa sottomess li t-talbiet attrici huma fi kwalsiasi kaz infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi gja gew kumpensati ghal kwalsiasi forma ta' servigi allegatament rezi.

"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi bhala uhud mill-eredi tal-istess Margerita Farrugia ghandhom ibaghtu kwart indiviz minn kwalsiasi ammont likwidat skond it-talbiet attrici.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

**14.** Rat il-kopja tan-nota tal-istess Maria Rosa Attard ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni volontarja taghha fit-3 ta' April 2009, li permezz taghha rrinunzjat ghall-eredita` ta' Margerita Farrugia.

**15.** Rat in-nota tal-atturi tat-13 ta' April 2009, li biha cedew il-kawza fil-konfront tal-konvenuti John Galea, Josephine Bondin u Maria Rosa Attard.

**<u>Ir-risposta guramentata ta' Rose Ann Galea u Georgina Muscat</u>**

**16.** Permezz tar-risposta guramentata taghhom tat-13 ta' April 2009, il-konvenuti Rose Ann Galea u Georgia Muscat eccepew:

> "1. ILLI l-ewwel u qabel kollox l-esponenti rrinunzjaw ghall-wirt u successjoni tal-imsemmija Margerita Farrugia u dan kif jirrizulta mill-annessi dikjarazzjonijiet markati bhala Dokti RAG 1 u RAG 2 u li allura u in konsegwenza ta' dawn ir-rinunzji, l-esponenti mhumiex il-legittimi kontradditturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-atturi solidalment bejniethom;
>
> "2. ILLI minghajr pregudizzju ghall-premess l-azzjoni hija milquta bit-terminu kif stabbilit mill-artikolu 2156(F) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u allura kull talba li l-atturi qed jaghmlu trid tinkwadra ruhha fil-parametri u rekwiziti tal-artikolu msemmi. Dan qed jinghad minhabba l-fatt li fir-rikors guramentat ma nghatat ebda indikazzjoni ghall-liema terminu qed jirreferu l-atturi u din hija mankanza li wkoll taffettwa l-validita` tat-talbiet attrici;
>
> "3. ILLI ulterjorment u minghajr pregudizzju ghall-premess kif jirrizulta wkoll mit-testmenti esebiti jirrizulta li jekk kien xi intendiment ghall-hlas jew kumpens ta' servigi, li ovvjament irid jigu ampjament ippruvat, l-atturi diga' gew ikkumpensati iktar milli bizzejjed u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;
>
> "Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

**17.** Rat il-kopja tan-nota tal-istess Rose Ann Galea pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni volontarja taghha fit-13 ta' April 2009 u li permezz taghha rrinunzjat ghall-eredita` ta' Margerita Farrugia.

**18.** Rat il-kopja tan-nota ta' Georgia Muscat pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni volontarja taghha fit-13 ta' April 2009 u li permezz taghha rrinunzjat ghall-eredita` ta' Margerita Farrugia.

**<u>Ir-risposta guramentata tal-konvenut Reverendu Emmanuel Camilleri</u>**

**19.** Permezz tar-risposta guramentata tieghu tal-15 ta' April 2009, il-konvenut Reverendu Emmanuel Camilleri eccepixxa:

> "1. Illi kontra t-talbiet attrici hem mil-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "2. Illi fi kwalunkwe kaz tenut kont l-istrettezza tal-parentela kif ukoll ic-cirkostanzi ta' hajja bejn l-atturi u l-mejta Margerita Farrugia ghandhu jigi konkluz li kwalunkwe servigi reklamati mill-atturi saru pietati vel familiaritatis causa u mhux bl-intenzjoni li jigu kumpensati. Ghalhekk is-servigi reklamati m'humiex retribwibbhli.
>
> "3. Illi fi kwalunkwe kaz is-servigi resi jinsabu abbondantement kumpensati in vista tal-liberalita` maghmula mit-testatrici Margerita Farrugia a favur tal-atturi fit-tieni artikolu tat-testment taghha in atti nutar Dottor Paul George Pisani tal-21 ta' Settembru 1995. Tali liberalita` ma setghetx ma saritx, apparti l-affinita familjari bejn it-testatrici u l-legatarji in vista wkoll u in soddisfazzjon ta' kwalunkwe obbligu li seta' kellha t-testatrici di fronti tal-atturi.
>
> "4. Illi l-esponenti eccipjenti jirriserva li jaghti eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jirrizultaw opportuni wara li l-atturi jkunu ressqu l-kaz taghhom u l-provi minnhom proposti."

**20.** Rat in-nota tal-atturi tas-17 ta' April 2009 li permezz taghha cedew il-kawza fil-konfront tal-konvenuti Rose Ann Galea u Georgia Muscat.

**21.** Rat in-nota tal-atturi tad-29 ta' April 2009 li biha cedew il-kawza fil-konfront tal-konvenuti Reverendu Tarcisio Camilleri, Frances Camilleri, Simon Camilleri, John Camilleri, Josephine Gray, Giorgina Debono u Carmelo sive Charles Camilleri.

**22.** Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti tal-osservazzjonijiet tal-atturi u dawk tal-konvenut Reverendu Tarcisio Camilleri *nomine* u ta' Dun Manwel Camilleri.

**Konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti**

**23.** Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, ghas-sentenza taghha tal-1 ta' Novembru 2011 kienu s-segwenti:

> "Illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni tal-kumpens li jidhrilhom li haqqhom ghal diversi servigi li huma jghidu li rrendew ghal diversi snin lil Margerita Farrugia, li kienet tigi zija xebba ta' missierhom. Jitolbu wkoll il-kundanna tal-konvenuti, bhala ko-eredi taghha, ghall-hlas ta' sehemhom mill-ammont hekk likwidat. Barra minn hekk l-atturi jippretendu li jigu rifuzi lilhom l-ispejjez tal-funeral tal-imsemmija Margerita Farrugia.

"Il-konvenuti fir-Risposti guramentati rispettivi taghhom, jeccepixxu l-preskrizzjoni kwinkwennali ta' azzjoni bhal din, jikkontendu illi dak li ghamlu l-atturi sar *pietatis vel familiaritatis causa*, u jekk kien haqqhom xi hlas ghal dak li ghamlu, ta' dan gia gew adegwatament ikkumpensati.

"Fin-nota tal-Osservazzjonijiet tieghu r-reverendu Tarcisio Camilleri nomine jissottometti li dawn il-proceduri huma rregolari ghaliex ma giex imharrek ukoll Eucharist Camilleri, missier l-atturi, u wiehed mill-eredi ta' Margerita Farrugia. Imma, apparti l-fatt li hadd mill-konvenuti ma qajjem eccezzjoni formali f'dan is-sens, jidher li l-atturi kienu konxji minn dan, u nfatti talbu minghand il-konvenuti l-hlas biss ta' dak li jista' jigi likwidat skond "*il-kwoti rispettivament spettanti lil kull wiehed u wahda minnkom minn dan il-wirt*." Ghalhekk f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-atturi, il-konvenuti li baqa', wara r-rinunzji kollha li saru, jkunu dovuti jhallsu biss parti mill-ammont likwidat, skond il-kwota li kull wiehed / wahda minnhom imissu mill-wirt ta' Margerita Farrugia.

"Preliminarjament il-konvenuti eccepew ukoll l-eccezzjoni ta' hames snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici civili.

*-omissis-*

"Irrizulta illi l-atturi bdew iduru b'Margerita Farrugia minn ftit wara li mietet ohtha Maria Antonia, xebba wkoll u li kienet tirrisjedi maghha, fis-sena 1995. Margerita Farrugia mietet fl-24 ta' Frar 2006, u din il-kawza giet intavolata fil-5 ta' Marzu 2009. Ghalkemm fir-Rikors guramentat hemm referenza ghal xi ittra ufficcjali li giet mibghuta lill-konvenuti fit-30 ta' April 2008, baqghet ma tressqet ebda prova li dan l-att gudizzjarju tassew intbaghat lill-konvenuti u li gie debitament notifikat lilhom, sabiex tkun tista' ssir xi interruzzjoni tal-preskrizzjoni skond il-ligi. F'tali cirkostanzi, ghalhekk, fil-kaz in ezami jistghu biss jigu kkalkolati s-servigi rezi u l-ispejjez li saru bejn il-5 ta' Marzu 2004 u d-data tal-mewt tal-imsemmija Margerita Farrugia, ftit inqas minn sentejn kollox.

"Il-konvenuti eccepew ukoll li kwalunkwe servigi u assistenzi li setghu saru lid-*decujus* kienu "*pietatis vel familiaritats causa*." Huwa minnu illi kienet tezisti certu parentela bejn l-atturi u l-persuna servuta. Infatti, kif gia ntqal, din kienet tigi z-zija maternal ta' missierhom. Il-konvenuti jenfasizzaw ukoll il-fatt li l-istess missier l-atturi kien prattikament trabba mad-*decujus* u ohtha u allura bilfors li dawn hassew certu dmir li issa jduru biha huma, halli jpattu ghal dak li din kienet ghamlet ma' missierhom.

"Imma tezisti gurisprudenza vasta tal-Qrati taghna fis-sens illi *omnia labor optat premium* u ghalhekk hadd m'ghandu jigi prezunt illi qed jirrendi servigi gratwitament u minghajr intenzjoni ta' xi kumpens.

*-omissis-*

"Ghalhekk, minkejja din il-parentela u c-cirkostanzi li setghu wasslu lill-atturi biex iduru bid-*decujus*, hadd ma ghandu jippretendi llum il-gurnata li ghax xi hadd ikun dar b'membru tal-familja tieghu, m'ghandux jistenna li jigi kkumpensat, wisq inqas jekk il-persuna servuta jkollha mezzi bizzejjed mnejn isir il-hlas dovut.

"Dwar il-mod kif kellu jigi likwidat dan il-kumpens gie spjegat illi:

" *"Ghall-finijiet tal-quantum tas-servigi, wiehed ghandu jzomm f'mohhu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li bbenefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela tal-atturi mal-konvenuta. Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qorti taghna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahhtu biex jaqdi lill-haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, bhal meta l-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. hasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjez li taghhom ma jkunx gie rimborsat fil-mument tal-hrug taghhom.*

*"Bhala regola generali, l-kumpens moghti jkun ftit jew wisq, imqaddes meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa.*

*"Minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kupens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta' servigi hi bbazata fuq kwazi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u l-beneficjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi rezi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar, izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz."*

"Huwa evidenti illi ta' dak li rrizulta li ghamlu l-atturi mad-*decujus* fl-ahhar snin ta' hajjitha kien haqqhom li jigu kkumpensati. Bizzejjed issir referenza ghad-depozizzjoni ta' Dottor John Xuereb Dingli, it-tabib kuranti tad-*decujus* ghal diversi snin, li minnha rrizulta kif Margerita Farrugia fl-ahhar snin ta' hajjitha spiccat totalment *bed-ridden* u kienet tenhtieg l-ghajnuna ghal kollox, tant li ghal tliet snin shah qabel ma mietet kellha anke taghmel uzu minn *nasiogastrix tube* biex tigi alimentata. Ghalkemm jidher li gieli ntalbet l-assistenza ta' xi soru mill-Munxar, din l-ghajnuna kienet tinghata prattikament mill-atturi, li kienu jqassmu l-gurnata bejniethom. Matul il-jum kienet tiehu hsieb id-*decujus* Frances Mizzi, li ghalkemm kienet tiggestixxi hanut tal-merca fl-istess triq fejn kienet toqghod Margerita Farrugia, kienet issib il-hin ukoll biex kull tant tittawlilha halli tara kelliex bzonn xi haga. Filghaxija kienet tmur Spiridiona, sive Diana, Camilleri li kienet tqattal-lejl kollu maghha. L-atturi flimkien kienu mbaghad jiehdu hsieb l-igene personali

u l-hasil tal-hwejjeg ta' zijithom, u jakkwistaw u jissominstrawlha l-medicinali li kien ikollha bzonn.

"Imma f'eccezzjoni ohra taghhom, il-konvenuti jsostnu li l-atturi gia gew adegwatament ikkompensati ta' dak li ghamlu b'dak li hallitilhom id-*decujus* permezz tat-testmenti taghha. Irrizulta illi bis-sahha tat-testment taghha tal-21 ta' Settembru 1995, Margerita Farrugia, apparti li halliet lill-atturi bejniethom prelegat tan-nofs indiviz mid-dar residenzjali taghha fi Triq Marsalja, Sannat, istitwiethom ukoll bhala ko-eredi taghha ghal kwart (1/4) indiviz mill-bqija tal-beni taghha. B'testment iehor tat-2 ta' Settembru 2002 hallitilhom legat iehor tal-kwota ereditarja spettanti lilha mill-wirt ta' kuginitha Nicolina Farrugia. L-atturi jikkontendu illi l-ebda wiehed minn dawn il-legati ma kien wiehed remuneratorju, ghax ma jissemma xejn f'dan ir-rigward. Madankollu, meta wiehed iqis iz-zmien meta saru dawn il-laxxiti, u cioe` dak tal-1995, ftit xhur biss wara li l-atturi bdew iduru b'Margerita Farrugia, in segwitu ghall-mewt ta' ohtha, u l-iehor tal-2002, erba' snin biss qabel ma mietet, u meta id-*decujus* kienet gia tenhtieg ghajnuna sostanzjali, jidher ovvju li l-intenzjoni kienet illi Farrugia xtaqet tikkumpensa lill-atturi ghal dak li kienu qed jaghmlu maghha b'dan il-mod, minkejja li ma saret ebda referenza ghal dan fl-istess testmenti. Terga' l-fatt li nkludiethom ukoll bhala ko-eredi flimkien man-neputijiet taghha, meta huma kienu biss it-tfal ta' wiehed minn dawn in-neputijiet, huwa ndikazzjoni ohra tar-rikonoxxenza taghha lejhom.

"Meta mbaghad wiehed iqis il-konsistenza ta' dawn il-laxxiti, ghandu jasal ghall-konkluzjoni li tassew it-testatrici kienet hasbet sew biex l-atturi jigu adegwatament ikkumpensati ta' dak li kienu qed jaghmlu maghha:

"1. In-nofs indiviz tad-dar fi Triq Marsilja, Sannat, fejn kienet toqghod Margerita Farrugia, li thalla bi prelegat lill-atturi, gie stmat ghall-fini tad-denunzja *causa mortis* li fiha ppartecipaw l-istess atturi, tal-valur ta' hamsa u erbghin elf lira maltija (Lm45,000); jekk wiehed jinnota wkoll il-kobor u l-pozizzjoni ta' din id-dar f'kantuniera, u l-fatt li ghandha faccata fuq triq minnhom ta' izjed minn wiehed u tletin metru (31m), x'aktarx li dik l-istima kienet wahda konservattiva hafna;

"2. Is-sehem li kien imiss lil Margerita Farrugia mill-wirt ta' Nicolina Farrugia u li thalla wkoll lill-atturi, gie likwidat ftit xhur qabel il-mewt tal-istess Margerita Farrugia. Irrizulta li mir-rikavat tal-bejgh tal-beni mmobbli ta' Nicolina Farrugia, gew mghoddija lil Margerita Farrugia : Lm13802.55 + Lm14126.43 +Lm387.17, total ta' Lm28.316.15; meta wiehed iqis li dik il-habta Margerita Farrugia kienet gia f'kundizzjoni ta' sahha hazina hafna, u ma kien prattikament jidhol hadd izjed fejnha, hlief ghall-atturi jew il-genituri taghhom, x'aktarx li dawn il-flus spiccaw direttament u mal-ewwel f'idejn l-istess atturi.

"3. fl-istess dikjarazzjoni *causa mortis* hawn fuq imsemmija, l-atturi u whud mill-eredi l-ohra, ddikjaraw li Margerita Farrugia kellha wkoll in

proprjeta' dar ohra fi Triq il-Kbira, Sannat, bil-mandra annessa., stmata tal-valur ta' Lm70,000. Minn din id-dar, a tenur tat-testment ta' Margerita Farrugia tal-1995, l-atturi kien imisshom ukoll kwart (1/4) indiviz bejniethom, u cioe` mizerjament Lm17,500 ohra.

"Ghaldaqstant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tal-parentela tad-*decujus* ma' l-atturi, tal-kwalita` ta' servizzi rezi u tal-modalitajiet ta' hlasijiet li jinghataw fiz-zmenijiet ta' llum ghal dawn is-servizzi, tenut kont ukoll iz-zmien limitat ta' inqas minn sentejn li ghalih l-atturi huma ntitolati ghall-kumpens, l-Qorti hija tal-fehma illi l-atturi gia gew adegwatament ikkumpensati, b'dak li Margerita Farrugia ddisponiet fiz-zewg testmenti taghha hawn fuq indikati, u m'ghandu allura jigi likwidat ebda ammont ulterjuri ghal dan il-ghan.

"L-atturi talbu wkoll li jigu kkumpensati ghall-ispejjez tal-funeral tad-*decujus*, li jghidu li huma hallsu minn buthom. Mir-ricevuti esebiti jirrizulta li dawn l-ispejjez kien jlahhqu ftit izjed minn erba' mitt lira maltija (Lm400) u ma kienux ghadhom gew preskritti qabel ma giet istitwita din il-kawza. Imma konsidrat dak li gia ntqal hawn fuq, fis-sens li l-atturi gia kienu qed jibbenefikaw minn somma sostanzjali li giet mghoddija lil Margerita Farrugia mir-rikavat tal-bejgh tal-assi ta' kuginitha, biex ma jissemmewx ukoll il-pensjoni u l-beneficcji socjali l-ohra li kienet tgawdi l-istess Margerita Farrugia, u li l-atturi baqghu qatt ma spjegaw f'hiex kienu jintefqu, u li ghalhekk mhux verosimili li din ma kien fadlilha ebda flus minn fejn seta' jsir dan il-hlas, hija l-fehma ta' din il-Qorti li dawn l-ispejjez funerarji m'humiex ripetibbli.

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi."

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi</u>**

**24.** L-atturi Frances Mizzi u Spiridiona Camilleri hassew ruhhom aggravati bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fl-1 ta' Novembru, 2011, u b'rikors tas-16 ta' Novembru 2011 intavolaw l-appell odjern minn dik is-sentenza. Ghar-ragunijiet moghtija fir-rikors tal-appell taghhom l-

appellanti talbu lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi:-

- tiddikjara illi l-appellanti ipprestaw servigi, kuri u assistenzi lill-mejta Margerita Farrugia;

- tillikwida l-kumpens dovut lill-istess appellanti ghas-servigi minnhom rezi lill-mejta Margerita Farrugia, u dan ikkalkolat mit-30 ta' April, 2003 sa l-24 ta' Frar, 2006;

- tikkundanna u tordna lill-konvenuti appellati sabiex ihallsu dan l-ammont hekk likwidat, dejjem skont il-kwoti rispettivament spettanti lil kull wiehed u wahda minnhom;

- tikkundanna lill-appellati sabiex jirrifondu lill-appellanti Frances Mizzi, fil-kwota rispettiva spettanti lil kull wiehed u wahda minnhom, l-ispejjez tal-funeral ta' Margerita Farrugia,

bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti appellati.

**25.** L-aggravju li ressqu l-atturi appellanti jikkonsisti filli jallegaw li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti kif ukoll interpretat b'mod zbaljat id-dispozizzjonijiet tat-testmenti tad-*decuius*,

liema interpretazzjoni, skont l-istess atturi appellanti, ma tinkwadrax fil-principji li ghandhom jirregolaw l-interpretazzjoni ta' testmenti, ma tirriflettix il-volonta` tat-testatur, u waslet ghal decizjoni zbaljata.

**Risposta tal-appell tal-konvenut ir-Reverendu Dun Emanuel Camilleri**

**26.** Permezz tar-risposta tal-appell tieghu tal-14 ta' Dicembru 2011, il-konvenut ir-Reverendu Dun Emanuel Camilleri wiegeb ghall-appell li gie intavolat mill-atturi appellanti u bih talab li ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta tieghu din il-Qorti tichad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**Risposta tal-appell tar-Reverendu Tarcisio Camilleri bhala mandatarju tal-imsefrin Joan Muscat, Frances Farrugia, Martin Farrugia u Georgia Attard**

**27.** Permezz tar-risposta tal-appell tieghu tal-21 ta' Dicembru 2011, ir-Reverendu Tarcisio Camilleri fil-kwalita` tieghu premessa wiegeb ghall-appell li gie intavolat mill-atturi appellanti u bih talab li ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta tieghu l-appell tal-atturi appellanti jigi respint u li s-sentenza appellata tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**28.** Rat ir-rikors tal-appellanti tas-16 ta' April 2012, li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tippermittilhom jipprezentaw kopja ta' ittra ufficjali

ipprezentata minnhom f'April 2008 li bi zvista baqghet ma gietx ipprezentata mar-rikors ta' appell.

**29.** Rat il-verbal ta' din il-Qorti tal-11 ta' Settembru 2012 li permezz tieghu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors imsemmi u dan ghaliex kuntrarjament ghal dak li jinghad fir-rikors il-kopja tal-ittra ufficjali msemmija gia` tinsab esebita mar-rikors tal-appell tar-rikorrenti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**30.** Il-fatti li taw lok ghall-kawza huma spjegati fid-dettall fl-atti msemmija u fid-decizjoni tal-ewwel Qorti gia riprodotta aktar qabel f'din is-sentenza u ghalhekk ma hemmx lok li wiehed joqghod jirrepetihom fit-tul. L-atturi appellanti qeghdin jitolbu hlas ghal servigi li huma rrendew ghal diversi snin lid-*decuius* Margerita Farrugia (li tigi zija xebba ta' missierhom). Jitolbu wkoll il-kundanna tal-konvenuti, bhala ko-eredi taghha, ghall-hlas ta' sehemhom mill-ammont hekk likwidat. Barra minn hekk l-atturi jippretendu li jigu rifuzi lilhom l-ispejjez tal-funeral tal-imsemmija Margerita Farrugia.

**L-Aggravju tal-Atturi Appellanti**

*Verzjoni tal-Atturi Appellanti*

**31.** Skont l-atturi appellanti, minkejja li l-ewwel Qorti gustament gharfet illi huma verament wettqu servigi, kuri u assistenzi lid-*decuius* u

li dawn is-servigi kienu jimmeritaw illi l-atturi appellanti jithallsu taghhom, l-ewwel Qorti naqset milli tipprovdi f'dan is-sens fis-sentenza taghha, ghar-raguni illi, fil-fehma taghha, l-atturi appellanti kienu diga` gew ikkumpensati ghal tali servigi permezz tal-kontenut taz-zewg testmenti illi halliet id-*decuius* illi kellhom dispozizzjonijiet a favur l-atturi appellanti.

**32.** L-atturi appellanti jaghmlu referenza ghall-kontenut taz-zewg testmenti msemmija u jissottomettu li d-dispozizzjonijiet relevanti taghhom kjarament m'humiex remuneratorji u ma kinux intizi sabiex jikkumpensaw lill-atturi appellanti ghas-servigi kuri u assistenzi illi huma kienu u fil-fatt baqghu jipprestaw lid-*decuius* u dan ghaliex m'humiex marbuta ma' xi kundizzjoni f'dan is-sens u fit-testmenti m'hemm xejn illi jista' ragonevolment iwassal ghal tali konkluzjoni.

**33.** Skont l-atturi appellanti huwa car illi fl-interpretazzjoni taghha tad-dispozizzjonijiet relattivi tat-testmenti tad-*decuius* l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni fatti u cirkostanzi irrilevanti peress li l-intenzjoni tat-testatur ghandha tingibed mid-dispozizzjonijiet tal-istess testment, konfrontati anke mad-dispozizzjonjiet ta' testmenti ohra tieghu precedenti u sussegwenti u mhux minn materji estranei ghat-testment. L-atturi appellanti jsostnu illi meta l-kliem uzat f'testment huwa car, mhux lecitu li wiehed johloq kwistjonijiet dwar il-volonta` tat-testatur. L-atturi appellanti jissottomettu illi l-qrati Maltin diversi drabi sahhqu illi

biex legat jitqies bhala wiehed remuneratorju dan ghandu jirrizulta mit-testment, u mhux minn provi barranin.

**34.** Skont l-atturi appellanti, l-ewwel Qorti ghamlet analizi errata tad-dispozizzjonijiet tat-testmenti tad-*decuius*, tant illi waslet sabiex issostitwiet ir-rieda taghha ghal dik tad-*decuius* peress illi kieku d-*decuius* verament riedet illi l-legati mhollija lill-appellanti jkunu ta' xorta remuneratorja din kienet certament taghmel xi rimarka f'das-sens fit-testment taghha.

**35.** Skont l-atturi appellanti, l-ewwel Qorti kienet zbaljata anki meta giet biex tikkonsidra l-kwantum li verament mess lil Margerita Farrugia mill-wirt ta' Nikolina Farrugia[1].

**36.** Fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens ghas-servigi jipprecizaw illi a differenza ta' dak illi qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, huma ghandhom jedd illi jithallsu ghas-servigi minnhom resi mit-30 ta' April 2003 sad-data tal-mewt tat-testatrici u cioe` sal-24 ta' Frar 2006 tenut kont tal-fatt li l-preskrizzjoni kienet giet interrotta permezz ta' ittra ufficjali pprezentata mill-appellanti f'April 2008 u, skont l-appellanti, kopja ta' liema giet ipprezentata in prim'istanza minkejja illi l-ewwel Qorti osservat mod iehor. Huma esibew kopja ta' din l-ittra ufficjali mill-gdid flimkien mar-rikors tal-appell taghhom.

---

[1] Ara fol. 16 tar-rikors tal-appell tal-atturi appellanti.

*Verzjoni tal-konvenut appellat ir-Reverendu Emanuel Camilleri*

**37.** Skont il-konvenut appellat ir-Reverendu Emanuel Camilleri, s-sentenza appellata hija gusta u ghandha tigi ghar-ragunijiet segwenti:

- ir-raguni ghaliex thalla l-legat lill-atturi appellanti ma kienetx semplicement il-parentela izda ghaliex it-testatrici riedet taghmel preferenza maghhom u liberalita` lilhom minhabba r-rapport specjali li kien hemm bejniethom impernjat fuq is-servigi li kienu qeghdin jigu resi lilha mill-atturi li hassewhom fid-dover li jiehdu hsiebha ghaliex kienet tigi z-zija taghhom u huwa ovvju;

- minkejja li t-testatrici messha fit-testment iddikjarat li l-legat kienet qeghdha thallih in sodisfazzjon tas-servigi li l-atturi kienu qeghdin jirrendulha, kieku t-testatrici ghamlet hekk dak il-laxxitu ma kienx ikollu l-effett ta' prelegat izda ta' "servigi legat rimuneratorju" u allura kien jigi fil-pozizzjoni ta' legati ohra inkella ta' krediti ohrajn li setghu jirrizultaw fil-konfront tal-eredita`;

- il-Qorti m'hijiex qeghdha tigi mitluba tinterpreta xi klawsola mit-testment ta' Margerita Farrugia izda li tiddeciedi jekk fic-cirkustanzi li jirrizultawlha mill-process ghandhomx l-atturi jigu kumpensati tas-servigi

resi, meta hemm parentela stretta mad-*decuius* u meta l-istess *decuius* ga ghamlet att ta' liberalita` abbondanti favur l-atturi;

- il-hlas ta' servigi ma hu bbazat fuq ebda rapport kontrattwali izda ghandu l-bazi tieghu fl-ekwita` jew il-kwazi kuntratt li ma jiehu ebda forma istituzzjonali jew tradizzjonali;

- meta jirrizulta li min irrenda s-servigi gie benefikat u kkumpensat abbondantement mod iehor ma jkunx il-kaz li l-Qorti ghandha tordna kumpens ulterjuri semplicement minhabba li fl-att ta' liberalita` ma ntqalx espressament li l-liberalita` qegheda ssir bi hlas tas-servigi resi;

- billi fit-testment it-testatrici ma rabtitx il-prelegat mas-servigi ma jfissirx li din kellha f'mohhha li tikkumpensa lill-atturi ulterjorment. Likieku t-testatrici kellha l-intenzjoni tikkumpensa lill-atturi apparti l-legat favurihom hija kienet tirrikonoxxi d-debitu taghha lejn l-atturi jew fl-istess testment jew f'xi att iehor u dan sabiex ma jilhaqx jghaddi t-terminu tal-preskrizzjoni bhalma ghadda f'dan il-kaz. Lanqas ma kellhom f'mohhom l-atturi appellanti li jfittxu ghas-servigi resi proprju ghaliex kienu ben kompensati;

- Li kieku l-atturi wirtu ugwalment lid-*decuius* bhalma wirtuha l-konvenuti kienet tkun gustifikata kawza ghall-hlas ta' servigi izda dan

mhuwiex il-kaz ghaliex min irrenda s-servigi nghata bi prelegat fond li huwa l-qofol tal-assi tad-*decuius* u l-werrieta prattikament ma wirtu xejn.

**38.** In kwantu ghall-osservazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar il-flus li messew lil Margerita Farrugia mill-bejgh tal-mobbli li halliet Nikolina Farrugia, l-konvenut appellat isostni illi dawn huma realistici hafna tenut kont il-mod kif id-*decuius* spiccat taht id-dominanza kompleta tal-atturi bhala konsegwenza tal-infermita` fizika u tal-mod kif generalment ikun il-kaz tax-xjuh li jispiccaw *bed ridden*.

**39.** il-*quantum* li mess lil Margerita Farrugia mill-wirt ta' Nikolina Farrugia ma jaghmel ebda differenza u insista li l-atturi appellanti kienu gew ampjament ikkumpensati tas-servigi minnhom resi.

*Verzjoni tal-konvenut appellat ir-Reverendu Tarcisio Camilleri bhala mandatarju kif inghad*

**40.** Fir-risposta tal-appell tieghu, il-konvenut appellat Reverendu Tarcisio Camilleri jsostni li d-*decuius* Margaret Farrugia ikkumpensat lill-atturi appellanti permezz tad-dispozizzjonijiet testamentarji taghha u ghalhekk l-aggravju principali li ressqu l-atturi appellanti ghandu jigi respint ghar-ragunijiet segwenti:

- il-Qorti ghandha tqis l-appell li gie intavolat mill-atturi appellanti fl-isfond (i) tar-relazzjoni ta' parentela stretta bejn l-atturi u d-*decuius*, (ii) ghall-fini ta' kumpens ghandu jittiehed konsiderazzjoni tal-mezzi tad-*decuius* u (iii) anki ghaliex l-atturi huma intitolati ghal kumpens versu zmien limitat;

- il-Qorti hi msejha tiddeciedi biss jekk id-dispozizzjonijiet testamentarji in kwistjoni kienux ta' natura rimuneratorja fil-konfront tal-atturi jew le, u mhux dwar x'kien il-kontenut ta' dawk id-dispozizzjonijiet testamentarji, u dan fid-dawl tal-fatt li f'dan il-kaz *non si tratta* minn testment li m'huwiex car fir-rigward tal-applikazzjoni tieghu dwar x'mess jew ma messx lill-atturi appellanti;

- tenut kont tal-fatt li Margaret Farrugia halliet iktar minn nofs l-assi taghha lill-atturi appellanti, m'hemmx dubju illi l-intenzjoni tat-testatrici kienet dak illi tikkumpensa lill-atturi appellanti ghall-ghajnuna li kienu qed jaghtuha u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li fi kwalunkwe kaz permezz tad-dispozizzjonijiet testamentarji relevanti l-atturi appellanti gew adegwatament ikkumpensati ghas-servigi rezi minnhom lil Margaret Farrugia;

- Margerita Farrugia halliet zewg legati lill-atturi appellanti u tathom sehem ferm ikbar mill-eredi l-ohra apparti li nkludiethom fost l-eredi universali taghha, meta dawn m'humiex neputijiet diretti taghha;

- z-zewg testmenti saru fi zmien meta allegatament l-atturi appellanti kienu gia` bdew jiehdu hsieb lil Margerita Farrugia u ghalhekk jidher bic-car li dawn saru bl-intenzjoni li l-atturi jigu kompensati ghall-allegati servigi li kienu ser jirrendulha fil-futur sa mewtha;

- stante li l-istess Farrugia kienet xebba u minghajr ulied, ma nhassitx in-necessita` li dawn il-legati jinkitbu bhala li kienu rimuneratorji u dan ghas-semplici raguni li ma kien hemm l-ebda wild li seta' jikkontesta l-validita` tal-istess legati u jitlob s-sehem riservat ghalih bil-ligi.

**41.** Fir-rigward tal-ilment tal-atturi appellanti dwar ir-rimarka tal-ewwel Qorti fuq x'sar mill-flus li messew lil Margerita Farrugia mill-wirt ta' Nicolina Farrugia, il-konvenut jissottometti li dan l-ilment ma jwassal imkien ghaliex fi kwalunkwe kaz sehem id-*decuius* mill-wirt ta' Nicolina Farrugia thalla b'legat lill-istess atturi, u ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi tal-kaz, kemm jekk il-flus tal-wirt marru ghand l-atturi meta Margerita Farrugia kienet ghadha hajja, u kemm jekk dawn marru ghandhom wara mewtha.

**42.** Fit-tielet lok, il-konvenut appellat jirreferi ghall-ilment li ghamlu l-atturi appellanti rigward il-kalkoli li ghamlet il-Qorti dwar il-flus li thallew minn Nicolina Farrugia lil Margerita Farrugia u ghar-ragunijiet minnu moghtija jsostni li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti m'ghandhiex tigi varjata ghaliex fi kwalunkwe kaz l-atturi appellanti gew ikkumpensati b'ferm iktar min-nofs il-gid tad-*decuius*.

**43.** Finalment il-konvenut appellat jsostni illi l-ewwel Qorti kellha ragun tillimita t-talba ghal hlas tal-allegati servigi ghall-perjodu indikat fis-sentenza appellata peress li l-atturi ma ippruvawx li kien hemm xi ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuti appellati fit-30 ta' April 2008 u li giet notifikata lilhom, u li ghalhekk jistghu biss jigu kkalkolati s-servigi rezi u l-ispejjez li saru bejn il-5 ta' Marzu 2004 u d-data tal-mewt ta' Margerita Farrugia.

**44.** Il-konvenut appellat izid illi ma giet ezebita l-ebda kopja tal-allegata ittra ufficjali u jinsisti li ma jistghux jitressqu provi godda kif ukoll provi dokumentarji meta l-istadju tal-provi jkun inghalaq u jopponi li tigi prezentata l-istess kopja ghaliex l-atturi kienu ilhom jafu bl-ezistenza ta' din l-ittra ufficjali u ghaldaqstant kienet biss negligenza da parti taghhom li ma ressqux tali prova fl-istadju tal-provi taghhom. Barra minn hekk, il-konvenut appellat jghid illi l-konvenuti kien ilhom li gew notifikati bl-

eccezzjonijiet mressqa mill-konvenuti dwar it-terminu preskrittiv u ghalhekk iktar u iktar kien jinkombi fuqhom li jipprezentaw tali ittra ufficjali fiz-zmien opportun u koncess mil-ligi procedurali.

**45.** L-appelati jissoktaw isostnu li fil-kaz li din il-Qorti tammetti l-istess ittra ufficjali u bhala konsegwenza tvarja s-sentenza appellata l-Qorti ghandha tqis il-prezentata tardiva tal-istess ittra fil-kundanna taghha dwar l-ispejjez tal-appell billi li l-ispejjez tal-appell ghandhom jigu sopportati unikament mill-atturi.

**46.** Finalment, fl-eventwalita` li din il-Qorti tiddeciedi li tilqa' dan l-appell, il-konvenut appellat jaghmel ukoll referenza ghall-kummenti maghmula fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu dwar aspetti ohra tal-kawza, u b'mod partikolari ghall-komputazzjoni tal-kumpens ghas-servigi, f'kaz li dawn jigu allokati.

*Apprezzament ta' din il-Qorti*

**47.** F'dan l-appell din il-Qorti hi msejha tiddeciedi jekk certu dispozizzjonijiet testamentarji tad-*decuius* Margaret Farrugia favur l-atturi appellanti jikkostitwux legati remuneratorji bhala kumpens ghas-servigi li pprestawlha l-istess atturi appellanti matul hajjitha jew le.

**48.** Din il-Qorti tistqarr mill-ewwel li ma taqbel xejn mal-ewwel Qorti illi "*jidher ovvju li l-intenzjoni kienet illi Farrugia xtaqet tikkumpensa lill-atturi ghal dak li kienu qed jaghmlu maghha b'dan il-mod, minkejja li ma saret ebda referenza ghal dan fl-istess testmenti.*"[2] u dan principalment ghaliex l-Artikolu 705 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati matul is-snin jaghmluha cara illi sabiex legat testamentarju jista' jitqies bhala rimuneratorju dan irid jirrizulta bic-car u espressament mit-testment u mhux minn provi barranin. Irid ghalhekk jirrizulta mid-dispozizzjoni testamentarja li hemm l-element ta' korrispettivita` u mhux sempliciment ir-rieda li tiggratifika b'att ta' liberalita`. Ma jistax jigi prezunt li legat imholli favur persuni li pprestaw servigi lid-*decuius* matul hajjitha jikkostitwixxi legat remuneratorju, partikolarment meta fit-testment stess ma hemm l-ebda indikazzjoni li d-*decuius* fil-fatt iddeciediet li thalli dak il-legat favur dawk il-persuni sabiex tikkumpensahom ghas-servigi li irrendewlha matul hajjitha.

**49.** Di fatti l-Artikolu 705 tal-Kodici Civili jipprovdi:

> "***705.*** *(1) Jekk it-testatur, minghajr ma jsemmi d-dejn tieghu, ihalli legat lill-kreditur tieghu, dan il-legat ma jitqiesx maghmul bi hlas tad-dejn lejn il-legatarju.*

[2] Ara pagna 12 tas-sentenza appellata.

*(2) Il-legat imholli lis-seftur ma jitqiesx maghmul bi hlas ta' dak li huwa jkollu jiehu bhala salarju."*[3]

**50.** Margerita Farrugia, li tigi z-zija ta' missier l-atturi appellanti, mietet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar elfejn u sitta (2006).[4] Hija ghamlet zewg testmenti. L-ewwel testment sar fil-21 ta' Settembru 1995 fl-atti tan-nutar Dottor Paul George Pisani.[5] F'dan l-ewwel testment, Margerita Farrugia halliet lill-atturi appellanti bejniethom prelegat tan-nofs indiviz mid-dar residenzjali taghha fi Triq Marsalja, Sannat minghajr kwalifika ta' xejn, u istitwiethom ukoll bhala ko-eredi taghha ghal kwart ($^1/_4$) indiviz mill-bqija tal-beni taghha. Kif inghad hawn fuq, Margerita b'ebda mod ma rabtet il-prelegat imsemmi ma' xi turija ta' rikonoxximent lejn l-atturi appellanti. Lanqas ma hemm dikjarat fit-testment li dak kien xi legat rimuneratorju[6].

**51.** Bit-tieni testment tat-2 ta' Settembru 2002[7] Margerita Farrugia hallitilhom legat iehor tal-kwota ereditarja spettanti lilha mill-wirt ta' kuginitha Nicolina Farrugia. Kif kien il-kaz fl-ewwel testment taghha, t-testatrici ma rabtet dan il-prelegat imsemmi ma' ebda turija ta'

[3] Ara wkoll P.A. Joseph Brincat et v. Maria Zamit et, 16/2/1965, XLIX.ii.731; Q. Mag. (Ghawdex) Superjuri Peter Paul Muscat et v. Francis Muscat et, 8/2/2008 konfermata Q. App. 2/7/2010.
[4] Ara c-certifikat tal-mewt ta' Margerita Farrugia li jinsab a fol. 9 tal-process.
[5] Dan it-testment jinsab a fols. 10 u 11 tal-process.
[6] Ara t-Tieni Artikolu tat-testment fol. 10-11.
[7] Ara fols. 12 u 13 tal-process.

rikonoxximent lejn l-atturi appellanti u lanqas ma hemm dikjarat fit-testment li dak kien xi legat rimuneratorju[8].

**52.** Fid-dawl tal-premess, ghalhekk, din il-Qorti ma ssibx li l-ligi u l-provi jissostanzjaw l-allegazzjoni li d-*decuius* halliet il-proprjetajiet imsemmija sabiex tikkumpensa lill-atturi appellanti ghas-servigi li huma rrendewlha matul hajjitha.

**53.** In vista tal-konkluzjoni appena raggunta din il-Qorti ser tipprocedi sabiex tillikwida l-ammont ta' kumpens li huwa dovut lill-atturi appellanti ghas-servigi li gew resi minnhom lid-*decuius* Margharet Farrugia. Dan ghaliex mill-provi prodotti, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, m'ghandha l-ebda dubju illi l-atturi appellanti fil-fatt ipprestaw servigi lil Margerita Farrugia fl-ahhar snin ta' hajjitha u li kellhom l-intenzjoni li jigu ikkumpensati ghall-istess servigi. Konsegwentement "*haqqhom li jigu ikkumpensati*" [9] ghal dawn l-istess servigi.

**54.** Fuq il-materja tal-likwidazzjoni tas-servigi hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna[10] u dawn diversi irritenew illi meta Qorti tigi biex tillikwida l-ammont ta' kumpens dovut lill-persuna li irrendiet is-servigi, hi ghandha zzomm f'mohha:

---

[8] Ara t-Tieni Artikolu tat-testment, fol. 12-13.
[9] Pagna 11 tas-sentenza appellata.
[10] Ara fost ohrajn: PA Guzeppi Borg v. Emanuel Azzopardi, 19/5/2005; PA Anthony Catania pro et noe et v. Maria Agius, 11/12/2003; Q. App. Maria Lourdes Brincat v. Giuseppe Brincat et, 29/11/2013.

- Il-**frekwenza** u x-**xorta** tas-servigi;
- Il-**mezzi** tal-persuna li benefikat mill-prestazzjonijiet; u
- Il-**parentela** ta' dawk li rrendew is-servigi mal-persuna li rceviet is-servigi resi.

**55.** Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qrati taghna huma jekk il-qaddejja ikiddux l-istess sahhithom biex jaqdu lil haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, u jekk il-qaddejja jinkorrux spejjez li taghhom ma jkunux gew rimborsati fil-mument tal-hrug taghhom.

<u>*1. Ix-Xorta u l-Frekwenza tas-Servigi Resi*</u>

**56.** Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni serja sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti meta osservat li:

> "*… rrizulta … [li] … Margerita Farrugia fl-ahhar snin ta' hajjitha spiccat totalment bed-ridden u kienet tenhtieg l-ghajnuna ghal kollox, tant li ghal tliet snin shah qabel ma mietet kellha anke taghmel uzu minn nasiogastrix tube biex tigi alimentata. Ghalkemm jidher li gieli ntalbet l-assistenza ta' xi soru mill-Munxar, din l-ghajnuna kienet tinghata prattikament mill-atturi, li kienu jqassmu l-gurnata bejniethom. Matul il-jum kienet tiehu hsieb id-decujus Frances Mizzi, li ghalkemm kienet tiggestixxi hanut tal-merca fl-istess triq fejn kienet toqghod Margerita Farrugia, kienet issib il-hin ukoll biex kull tant tittawlilha halli tara kelliex bzonn xi haga. Filghaxija kienet tmur Spiridiona, sive Diana, Camilleri li kienet tqattal-lejl kollu maghha. L-atturi flimkien kienu mbaghad jiehdu*

*hsieb l-igene personali u l-hasil tal-hwejjeg ta' zijithom, u jakkwistaw u jissoministrawlha l-medicinali li kien ikollha bzonn."* [11]

**57.** Mill-provi prodotti jirrizulta bic-car illi d-*decuius* Margerita Farrugia kienet *bed ridden* fl-ahhar ghaxar snin ta' hajjitha, ma setghetx tohrog mid-dar u konsegwentement kienet totalment tiddependi fuq l-atturi appellanti, li flimkien kienu jiehdu hsiebha erbgha u ghoxrin siegha kuljum. Dan il-fatt gie ikkonfermat diversi drabi[12].

**58.** Jirrizulta wkoll illi fl-ahhar sentejn jew tliet snin ta' hajjitha Margharet Farrugia ma kienet tiekol xejn minn halqha u kellha *nasiogastric tube* ghaddej mill-imnieher sejjer fl-istonku u l-ikel taghha kollu kien jinghata permezz ta' dan it-tubu. It-testatrici ma kienitx fi stat ta' sahha tajjeb u dan kif gie ikkonfermat mit-Tabib Dr. John Xuereb Dingli[13].

**59.** Is-servigi li kienu jipprestaw l-atturi appellanti lil Margerita Farrugia kienu diversi. Huma kienu jitimghuha, jahsluha, jbiddlulha u jnaddfuha, jahslulha l-hwejjeg, jorqdu maghha, iqattghu hin matul il-gurnata maghha. Dan gie ikkonfermat diversi drabi, fosthom minn

---

[11] Pagna 11 tas-sentenza appellata.
[12] Ara depozizzjoni Tabib Dr. John Xuereb Dingli a fol. 77-86; depozizzjoni Spiridiona sive Diana Camilleri fol. 88, 120-21; Eucharistico Camilleri fol. 98; Affidavit Giorgia Cassar fol 106; Frances Mizzi fol. 102; Rev Tarcisio Camilleri, fol. 219.
[13] Fol. 78 u fol. 81 tal-process. Ara wkoll ix-xhieda li tat l-attrici appellanti Spiridiona Camilleri fil-kontro-ezami taghha tad-19 ta' Frar 2010 li tinsab a fol 121 tal-process kif ukoll ix-xhieda li tat Tereza Camilleri fil-kontro-ezami taghha tad-9 ta' Gunju 2010 li tinsab a fol. 161 tal-process.

Spiridiona Camilleri stess fl-affidavit taghha[14] u minn missier l-atturi appellanti Eucharistico Camilleri[15]. Gew ukoll ikkonfermati minn omm l-atturi appellanti, Teresa Camilleri, fl-affidavit taghha li jinsab a fol. 101 tal-process kif ukoll fix-xiehda li tat in kontro-ezami fid-9 ta' Gunju 2010 li tinsab a fol. 161 tal-process, minn Frances Mizzi, l-attrici appellanti, fl-affidavit taghha li jinsab a fol. 102 tal-process u fix-xiehda taghha moghtija in kontro-ezami li tinsab a fol. 125 tal-process, u minn Giorgia Cassar fl-affidavit taghha li jinsab a fol. 106 tal-process.

**60.** Mill-provi prodotti rrizulta wkoll illi omm l-atturi appellanti wkoll gieli kienet issajrilha lil Margerita Farrugia u tahslilha hwejjigha[16].

**61.** Inoltre missier l-atturi kellu prokura minghand Margerita Farrugia u kien jiehu hsieb isarrfilha c-cekk tal-pensjoni u tal-mard li hija kienet tircievi fix-xahar[17].

**62.** Barra minn hekk, l-ispejjez ghall-ikel, hwejjeg, affarijiet personali, medicini u ghall-visti tat-tabib hargu minn but l-atturi appellanti[18].

---

[14] Fol. 88 tal-process.

[15] Fol. 98 tal-process. Ara wkoll ix-xhieda ta' Eucharist Camilleri in kontro-ezami fid-9 ta' Gunju 2010 li tinsab a fols. 169 u 170 tal-process.

[16] Fol. 89 tal-process. Ara wkoll l-affidavit ta' Teresa Camilleri li jinsab a fol 101 tal-process kif ukoll l-affidavit ta' Frances Mizzi li jinsab a fol 102 tal-process.

[17] Fol. 98 tal-process. Ara wkoll ix-xhieda ta' Eucharist Camilleri in kontro-ezami fid-9 ta' Gunju 2010 li tinsab a fol. 171 tal-process.

[18] Fols. 88 u 89 tal-process. Ara wkoll l-affidavit ta' Frances Mizzi li jinsab a fol. 102 tal-process.

*2. Il-Mezzi ta' Margerita Farrugia*

**63.** Rigward il-mezzi ta' Margerita Farrugia jidher mill-assjem tal-provi li din ma kinitx mara nieqsa u li kienet mara li taf tibza' ghal gidha. Tant huwa hekk li l-valur totali tal-immobili u drittijiet immobiljari jammonta ghas-somma ta' mija u hmistax-il elf lira Maltin (Lm115,000)[19].

*3. Il-Parentela ta' Margerita Farrugia mal-Atturi Appellanti*

**64.** Kif ben osservat l-ewwel Qorti, kienet tezisti certu parentela bejn l-atturi appellanti u Margerita Farrugia. Ghalkemm Margerita Farrugia kienet tigi z-zija materna ta' missierhom[20], u ghalhekk l-istess Margerita Farrugia kienet tigi mill-atturi appellanti mill-boghod, missierhom kien prattikament trabba maghha u ma' ohtha, Maria Antonia Farrugia[21] u kien hemm ukoll certu kunfidenza bejn l-atturi appellanti u Margerita Farrugia[22] u din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-atturi appellanti hassew li kellhom id-dmir li jduru b'Margerita Farrugia bhala sinjal ta' rispett u ta' tpattija ghal dak kollu li hi kienet ghamlet ma' missierhom.

**65.** Fil-fatt, fix-xiehda taghha li tat in kontro-ezami fid-19 ta' Frar 2010 Spiridiona Camilleri ikkonfermat illi Margerita Farrugia kienet qisha omm

[19] Ara fol. 95-96 tal-process.
[20] Ara fols. 88, 98, 101, 102, 154 tal-process.
[21] Ara fols. 88, 98, 102, 117 tal-process.
[22] Ara fol. 207 tal-process.

l-atturi appellanti[23]. Fl-istess seduta, Spiridiona Camilleri ikkonfermat ukoll li peress li Margerita Farrugia u ohtha rabbew lil missierha, hi u ohtha iddecidew li jiehdu hsiebha[24].

**66.** Kemm l-attrici l-ohra, Frances Mizzi, kif ukoll Frances Farrugia fix-xiehda taghhom ukoll ikkonfermaw li huma hadu hsieb lil Margerita Farrugia b'rispett ta' missierhom[25]. Anki r-Reverendu Manuel Camilleri iddepona dwar ir-relazzjoni tajba li kienet tezisti bejniethom[26].

*4. Konsiderazzjonijiet Ohra*

**67.** Din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi appellanti, hi ghandha wkoll tikkonsidra is-segwenti:

- Il-livell kbir ta' impenn u dedikazzjoni tas-servizzi pprestasti mill-atturi appellanti;

- Il-fatt illi s-servigi rezi kienu ta' importanza kbira ghal Margerita Farrugia tant li ippermettew lil Margerita Farrugia tibqa' d-dar kif xtaqet u ma tintbaghatx l-isptar[27].

[23] Fol. 114 tal-process.
[24] Fol. 117 tal-process.
[25] Fol. 124 u fol. 187 tal-process.
[26] Fol. 207 tal-process.
[27] Depozizzijoni tabib Dr John Xuereb a fol. 78 tal-process.

- Il-fatt illi l-atturi appellanti kienu lesti biex jissagrifikaw hafna hin mill-hajja taghhom sabiex jipprestaw is-servigi lil Margerita Farrugia;

- Il-fatt illi s-servigi li gew resi mhumiex affarijiet li kulhadd kapaci jidhol ghalihom;

- Il-fatt li l-atturi appellanti keddew sahhithom biex jaqdu lil Margerita Farrugia;

- Il-fatt illi l-livell ta' servigi li irrendew l-atturi appellanti lil Margerita Farrugia kien ta' certu kwalita` u kien komparabbli ma' tal-isptar jekk mhux ahjar[28].

- Il-fatt li l-atturi appellanti hargu spejjez minn buthom li taghhom ma kienux gew rimborsati fil-mument tal-hrug taghhom.

**68.** Minbarra l-konsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti tinnota illi s-servigi in kwistjoni gew prestati fil-perjodu ta' wara s-sena 2000 u mhux diversi snin ilu (per ezempju, fis-sebghinijiet, fit-tmeninijiet u fid-disghinijiet). Ghaldaqstant, l-ammont ta' kumpens li kien jithallas lil dawk li kienu jipprestaw servigi f'dawk iz-zminijiet certament li ghandu jizdied, principalment a bazi tal-inflazzjoni li zgur li jkun hemm mat-trapass taz-zmien.

[28] Depozizzjoni tat-Tabib Dr John Xuereb Dingli a fol. 79, 82, 86 tal-process.

**69.** Din il-Qorti ma hix tal-fehma li, kif talbu l-atturi appellanti, illi l-kumpens ghas-servigi ghandu jkun a bazi ta' salarji prevalenti fiz-zmien in kwistjoni[29] ghaliex kif gia` gie ritenut[30] ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet m'hijiex wahda kuntrattwali izda kwazi-kuntrattwali.

**70.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz odjern u tal-kriterji hawn fuq imsemmijin li gew stabbiliti fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin, l-ammont ta' kumpens li huwa dovut lill-atturi appellanti ghandu jkun dak ta' sebghin Euro (€70) fil-gimgha kull wiehed. Dan ifisser illi b'kollox l-ammont ta' kumpens li huwa gust li jinghata lill-atturi appellanti flimkien huwa dak ta' mija u erbghin Euro (€140) fil-gimgha.

**71.** Fir-rigward tal-perjodu ta' meta l-atturi appellanti huma intitolati li jinghataw kumpens ghas-servigi resi lil Margerita Farrugia, mill-atti tal-process jirrizulta bic-car illi minkejja illi l-atturi appellanti ghamlu referenza ghall-ittra ufficjali li gietipprezentata minn Spiridiona Camilleri fit-30 ta' April 2008 fir-rikors promotorju taghhom, kopja ta' din l-imsemmija ittra ma gietx ezebita quddiem l-ewwel Qorti. Kien biss quddiem din il-Qorti, f'dan l-istadju tal-appell, li l-atturi appellanti iddecidew li jipproducu kopja awtentika ta' din l-ittra flimkien mar-rikors tal-appell taghhom.

---

[29] Ara fols 252, 253 tal-process.
[30] Ara PA Anthony Catania pro et noe et v. Maria Agius, 11/12/2003

**72.** L-Artikolu 145 tal-Kap. 12 jipprovdi li fl-istadju tal-appell l-appellanti ghandhom mar-rikors jipproducu dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet taghhom izda dwar din id-dispozizzjoni din il-Qorti gia` kellha l-opportunita` tispjega li konformament mal-funzjoni ta' din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni l-piz li jkun jista' jinghata lil tali dokumenti jkun jiddependi fuq jekk l-istess dokumenti kienux disponibbli u allura producibbli fl-ewwel istanza[31].

**73.** Fil-kaz ta' llum riferenza ghad-dettalji tal-ittra ufficjali msemmija saret fir-rikors promotorju tal-gudizzju ghalkemm ma gietx esibita mieghu[32]. Saret ukoll riferenza ghall-istess ittra ufficjali fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi tal-11 ta' Lulju 2011 (fol. 241, precizament a fol. 244) u kellha tigi esibita bhala Dokument X izda baqghet ma gietx hekk esibita mal-istess nota, u sahansitra sad-data tas-sentenza appellata. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-Reverendu Tarcisio Camilleri bhala mandatarju (fol. 254, precizament a fol. 258)[33] ingibdet l-attenzjoni ghall-fatt li l-atturi baqghu qatt ma ipprezentaw kopja tal-ittra ufficjali msemmija minkejja li l-atturi kienu ghamlu accenn ghaliha fir-rikors promotorju u minkejja li suppost kienu ser jesibuha man-nota tal-osservazzjonijiet taghhom. Riferenza ghan-nuqqas li tigi prezentata l-

---

[31] Ara provvediment Q. App. Angelina Schembri v Francis Schembri, 22/2/2013; Q. App. Emanuel Zammit noe. v Charles Polidano pro. et noe., 31/1/2014; provvediment Q. App. Olive Gardens Investments Limited v Salvu Farrugia et, 18/4/2014

[32] Fol. 1-3, precizament fil-parafrafu 7 tar-rikors a fol. 2, u fl-ahhar paragrafu a fol. 3

[33] Notifikata lill-avukat tal-atturi fit-13 ta' Settembru 2011, riferta a fol. 275 tergo

ittra ufficjali msemmija saret ukoll fin-nota tal-osservazzjonijiet ta' Reverendu Manwel Camilleri (fol. 276, precizament fol. 279)[34].

**74.** B'danakollu, trattandosi ta' att gudizzjarju registrat fir-registru tal-Qrati taghna u li koncepibilment il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni tieghu gudizzjarjament din il-Qorti ser taghti piz probatorju lill-kopja ufficjali tal-ittra ufficjali msemmija u li giet esibita flimkien mar-rikors tal-appell. Il-Qorti ma hix tal-fehma li dan ghandu jkollu impatt fuq l-apporzjonament tal-ispejjez tal-kawza tenut kont tal-fatt li anki l-ewwel Qorti setgħet tieħu konjizzjoni gudizzjarament tal-ittra ufficjali msemmija.

**75.** Jirrizulta illi l-ittra ufficjali tal-istess atturi appellanti giet notifikata lill-konvenuti appellati.

**76.** Konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti l-perjodu rilevanti li ghalih l-atturi appellanti ghandhom jigu ikkumpensati ghas-servigi li huma rrendew lid-*decuius* Margerita Farrugia huwa dak ta' bejn it-30 ta' April 2003 (minn hames snin qabel id-data tal-ittra ufficjali) u l-24 ta' Frar 2006 (id-data meta mietet Margerita Farrugia).

**77.** Ghaldaqstant, l-ammont ta' kumpens li huwa dovut lill-atturi appellanti flimkien huwa ta' mija u erbghin Euro (€140)[35] mmultiplikat

[34] Notifikata lill-avukat tal-atturi fis-16 ta' Settembru 2011

b'mija seba' u erbghin (147) gimgha (circa tliet snin nieqsin xahrejn) li jammonta ghal ghoxrin elf hames mija u tmenin Euro (€20,580). Peress illi l-konvenuti appellati huma werrieta ta' nofs indiviz mill-wirt ta' Margerita Farrugia, huma jridu jhallsu lill-atturi appellanti ghaxart'elef mitejn u disghin Euro (€10,290), pagabbli terz ($^{1}/_{3}$) (li jammonta ghal €3,430) minn Dun Manwel Camilleri wahdu u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) (li jammontaw ghal €6,860) mill-ahwa Farrugia.

*Konsiderazzjonijiet finali*

**78.** Fir-rikors tal-appell taghhom l-appellanti jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-appellati jirrifondu lill-attrici appellanti Francis Mizzi, fil-kwota rispettiva spettanti lil kull wiehed u wahda minnhom, l-ispejjez tal-funeral ta' Margerita.

**79.** Il-Qorti tosserva li, ghalkemm fir-rikors tal-appell tal-atturi appellanti taht l-intestatura "Kwadru tal-fatti" l-appellanti jaghmlu accen ghat-talba taghhom ghar-rimbors tal-ispejjez funebri li thallsu mill-appellanti Frances Mizzi, fl-istess appell ma jiffigura ebda aggravju fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn giet michuda, flimkien mac-cahda tat-talbiet l-ohra tal-atturi appellanti, it-talba tal-appellanti sabiex il-konvenuti jigu kundannati jirrifondu lill-attirici Frances Mizzi, fil-

[35] Ara para. 70 *supra*

kwota spettanti lilhom mill-wirt, l-ispejjez tal-funeral ta' Margerita Mizzi. Dan hu sufficcjenti sabiex jigi michud l-appell tal-atturi appellanti safejn dan jista' jitqies li jippretendi li jappella wkoll minn din il-parti tas-sentenza appellata[36].

## DECIDE

**80.** Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, tiddisponi mill-appell intavolat mill-atturi appellanti billi tirriforma s-sentenza appellata u dan billi (1) thassarha u tirrevokaha fejn cahdet l-ewwel talba tal-atturi ghal-likwidazzoni tal-kumpens ghas-servigi rezi lil Margerita Farrugia u fejn cahdet it-talba taghhom sabiex il-konvenuti jigu kundannati jhallsu lill-atturi dak il-kumpens u minflok (2) tilqa' l-ewwel talba msemmija u tillikwida l-kumpens dovut mill-konvenuti appellati lill-istess atturi appellanti ghas-servigi msemmija fl-ammont ta' ghaxart elef mitejn u disghin Euro (€10,290), (3) tikkundanna lil konvenut Reverendu Manwel Camilleri jhallas lill-atturi terz ($^{1}/_{3}$) tal-ammont hekk likwidat, u cioe` l-ammont ta' tlett elef erba' mija u tletin Euro (€3,430), (4) tikkundanna lill-konvenut Tarcisio Camilleri bhala mandatarju tal-imsefrin Joan Muscat, Frances Farrugia, Martin Farrugia u Georgia Attard jhallas lill-atturi zewg terzi ($^{2}/_{3}$) tal-ammont hekk likwidat, u cioe` l-ammont ta' sitt elef, tmien mija u sittin Euro (€6,860), u (5) tikkonfermaha fil-bqija.

[36] Ara Q. Kost. Darryl Luke Borg v Avukat Generali et, 29/5/2015, #49; Ara wkoll, Q. Kost. Rosaria Schembri et v Avukat Generali et, 6/4/2006; Q. Kost. Lay Lay Co. Ltd. v Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et, 25/2/2011

L-ispejjez tal-ewwel istanza tal-konvenuti appellati Reverendu Manwel Camilleri u Reverendu Tarcisio Camilleri bhala mandatarju tal-imsefrin Joan Muscat, Frances Farrugia, Martin Farrugia u Georgia Attard ikunu a karigu tal-istess konvenuti hlief ghall-ispejjez tat-tielet talba li jkunu a karigu tal-atturi appellanti, filwaqt li l-ispejjez tal-ewwel istanza tal-konvenuti l-ohra jithallsu mill-atturi appellanti.

L-ispejjez tal-appell jithallsu kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-atturi appellanti u kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-konvenuti appellati Reverendu Manwel Camilleri u Reverendu Tarcisio Camilleri, bhala mandatarju tal-imsefrin Joan Muscat, Frances Farrugia, Martin Farrugia u Georgia Attard, solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df